**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Terence Ciantar**

**Kumpilazzjoni Numru: 437/15**

**Illum, 28 ta' Novembru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Terence Ciantar detentur tal-karta tal-identita` numru 659882M.

Akkuzat talli:

> Nhar it- 23 ta` Mejju 2015, ghal habta tas-sebgha neqsin ghaxra ta` fil-ghaxija (06:50p.m) gewwa l-ground Nazzjonali ta` Qali u/jew fil-vicinanzi, pubblikament, xewwex persuna/i ohra sabiex jaghmlu reat (Artikolu 69 (1) (2) (3) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).
>
> U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi xewwex gemgha ta` nies, illi hekk imxewxa ingabru f`numru ta` ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat liema reat li dik il-gemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel fil-fatt sar; (Artikolu 68 (1) (2) (3) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)
>
> U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, pubblikament xewwex persuna/i ohra sabiex jiksru il-ligi (Artikolu 70 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)
>
> U aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta` l-awtorita jew ta` min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom. (Artikolu 338 (ee) Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghad li huwa ma huwiex ufficjal, persuna li jkun qed jiehu sehem fil-loghba jew fil-loghob, jew wiehed minn dawk awtorizzati jew mill-awtorita' jew assocjazzjoni li that l-awspicji taghha l-loghba jew il-loghob kien qed isir jew mill-management tal-ground qabez ic-cint jew il-barriera li ddawwar il-pitch u dahal fil-post fejn kien qieghed isir il-loghob (Artikolu 5 L.S. 10.33 Ordni Pubbliku fil-Grounds ta` l-Isports)

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded lil persuna/i ohra b`gebel jew xi oggett iehor jew tefa' xi gebla jew oggett iehor fuq il-post fejn kien qieghed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground ta` l-isports, jew li, filwaqt li kien diehel fi grownd ta` l-isports, filwaqt li kont qieghed hemmhekk jew kien hiereg minn hemm kellu fuqu arma jew xort`ohra gab ruhu b`mod li kiser il-bon ordni (Art 6 (1) L.S. 10.33 Ordni Pubbliku fil-Grounds ta` l-Isports)

U finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien diehel fi ground ta` l-isports, filwaqt li kien hemmhekk jew kien hiereg minn hemm uza kliem offensiv jew gab ruhu abbuzivament (Art 7 L.S. 10.33 Ordni Pubbliku fil-Grounds ta` l-Isports)

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni:

Sabiex titratta lil akkuzat bhala recediv ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li gie misjub hati ta` sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; u

Sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna il-projbizzjoni ta' l-akkuzat milli jattendi f'xi ground ta' l-isports ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2012 li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kif ukoll it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq incident li qam wara l-loghba futboll bejn B'Kara u Hibernians gewwa il-grawnd ta' Ta' Qali nhar it-tlieta (23) ta' Mejju elfejn u hmistax (2015) fejn l-imputat u xi partitarji ohra ta' B'Kara nizlu fil-grawnd ghaliex kienu rebhu il-partita u hemmhekk qamet kommossjoni wara li l-imputat waddab banana li tintefah fl-arja.

Illi l-imputat jinsab akkuzat fost l-ohrajn bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 68(2) u (3) Kapitolu 9 li jghid hekk:-

> *Kull min ixewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewxa jinġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat, jeħel, meta jinsab ħati, għall-fatt biss tat-tixwix, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

Illi ghalhekk irid ikun hemm zewg elementi li flimkien iwasslu ghal kummissjoni ta' dana ir-reat u cioe` sehem attiv fil-gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar u l-intenzjoni taghhom li jinghaqdu sabiex jikkomettu reat.

Il-Pofessur Mamo fuq dan is-suggett jghid hekk:

> *"For a conviction of this crime, it is essential that the defendant should be proved to have taken an active part in the assembly by word, deed or conduct. Merely to join for a while out of curiosity is not enough. But if an active part is taken, whether from the beginning or at any subsequent stage, so long as the gathering lasts, the crime is complete if the gathering is of ten or more persons and its purpose is the commission of an offence."*

Illi a rigward dan jirrizulta illi din il-gemgha ta' nies li nizlet fil-grawnd ma agixxiet b'ghan wiehed jew ma giex ippruvat illi l-imputat beda jinstiga lil dawn in-nies sabiex jinzlu hemmhekk. Dan qed jinghad ghaliex mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija senjatament mix-xhieda tal-Ispettur **Trevor Micallef** fix-xhieda tieghu kull ma hareg illi meta nizel l-imputat fil-grawnd bil-banana sussegwentement nizlu persuni ohra izda ma giex ippruvat illi l-imputat beda jinstiga jew ixewwex dawn il-persuni sabiex jinzlu hemm.

Illi ghalhekk in vista ta' dan l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi ma jistghux jigu ppruvati ghaliex kollha jezigu l-istess elementi u cioe' l-intenzjoni li xxewwex.

Illi dan ma jistax jinghad ghall-akkuzi l-ohra ghaliex gie ppruvat mix-xiehda anke tal-imputat illi huwa effettivament nizel fil-grawnd meta ma kienx permess u beda jxejjer din il-banana. Mhijiex difiza li l-imputat jghid illi huwa ma semax l-avviz biex hadd ma jinzel fil-grawnd ghaliex hareg ukoll mill-kontro-ezami tieghu fuq domanda tal-Ispettur Trevor Micallef illi hu stess kien wissieh sabiex ma jinzilx u sabiex izomm il-buon ordni.

Illi minkejja dan l-imputat xorta nizel u warajh nizlu partitarji ohra u hemmhekk tqajjmet il-kommossjoni u ghalhekk l-imputat messu kien jaf li bil-komportament tieghu kien ser jattratta persuni ohra li kienu ser jaghmlu l-istess biex b'hekk jinqala' l-inkwiet. Huwa mmaterjali illi l-imputat jghid illi huwa ma riedx iwaddab lil banana lil hadd partikolari izda taritlu bir-rih ghaliex l-

Artikolu 6 (1) tal-L.S. 10.33 huwa tant wiesa li jinkorpora anke dawn it-tip ta' atteggamenti.

Illi l-imputat gie addebitat ukoll l-aggravju tar-recidiva izda stante li ma gewx esebiti l-ebda sentenzi li jippruvaw dan, l-addebitu ma jistax jissussisti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 5, 6 (1), 7 u 9 (1) u (2) tal-L.S. 10.33 Ordni Pubbliku fil-Grounds ta' l-Isports u Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Terence Ciantar** hati biss tar-raba' (4), hames (5), sitt (6) u sebgha (7) akkuza u tikkundannah ghal multa ta' erbgha mitt Ewro (400) flimkien ma' sospensjoni milli l-imputat jattendi xi loghba futboll f'xi grawnd ta' l-isports ghal perjodu ta' sitt (6) xhur, filwaqt milli tilliberah mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza stante li ma gewx ippruvati.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**